




# Il-kult ta' Santa Marija f'Ħal Qormi tul l-aħħar sitt sekli

*Dr Joseph F. Grima*

Id-devozzjoni lejn Tlugħ il-Madonna fis-Sema, jew Santa Marija kif nafuha popolarment, hi qadima ħafna fil-gżejjer Maltin. Hi ħaġa żgura li kienet devozzjoni li tgawdi popolarità għall-ħabta tas-sena 1400, popolarità riflessa fil-viżti pastorali tal-isqfijiet Maltin sa tmiem is-seklu tmintax, li kitbu li f'Malta kien hawn madwar 92 knisja u kappelli dedikati lil Santa Marija. F'Ħal Qormi fl-imgħoddi kien hawn total ta' għaxar kappelli ddedikati li tnaqqru mal-mixja tas-snin. Preżentement, m'hawnx artal dedikat lil Santa Marija f'ebda waħda miż-żewġ knejjes parrokkjali Qormin għalkemm jeżisti kwadru tal-Assunta fil-Mużew Parrokkjali tal-Parroċċa San Ġorġ, xogħol anonimu tas-seklu tmintax li kien għotja tal-familja Galea-Testaferrata.

**Fratellanza**

Min-naħa l-oħra rridu ngħidu li, aktar minn ħames sekli ilu, fl-1502 tissemma l-eżistenza ta' **Fratellanza ta' Santa Marija** f'Ħal Qormi f'testment li fih it-testatur Franquinu Xeberras ħallielha uqija (biċċa flus) għaż-żwieġ ta' tfajla fqira. Iżda din il-fratellanza ma terġax tissemma, lanqas fil-viżta pastorali tad-delegat apostoliku Monsinjur Pietro Dusina fl-1575, u għalhekk x'aktarx li kienet spiċċat fix-xejn.

**Artal**

Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ darba kien hemm **artal ta' Santa Marija**. Għall-ħabta tal-1634, Marjanu Axisa u martu Katarina għamlu fondazzjoni għal dan l-artal. Iżda ma kellux ħajja twila għax id-dedikazzjoni tiegħu kienet diġà nbidlet sentejn wara. Il-venerazzjoni Qormija aktar tidher fid-diversi kappelli mxerrdin fil-limiti parrokkjali. Ħamsa minnhom għadhom jeżistu, tlieta f'Ħal Qormi u tnejn oħra f'parroċċi oħrajn li darba kienu jagħmlu parti mil-limiti Qormin.



*Pittura tal-Madonna mtellgħa s-sema, xogħol tas-seklu XVIII fil-Mużew tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. (Ritratt: John Frendo)*

**Knisja Tal-Ħlas**

Bla ebda dubju, l-aktar kappella magħrufa minnhom f'Malta hi dik tal-**Madonna tal-Ħlas** (fid-dokumenti nsibuha miktuba bħala *tacalas, chilas* jew *chiulas*) li kienet inbniet mill-ġdid mit-Teżorier tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra Kristofru de Mungudrin, li fl-1573 ukoll għaniha b'pittura titulari mpittra fuq l-injam u li llum tinsab fil-mużew parrokkjali. Din il-knisja kienet diġà tgawdi popolarità mal-Maltin f'dak iż-żmien imbiegħed tas-seklu sittax u fl-1633 inħass il-bżonn li titkabbar. F'xi sena lejn l-1693, il-knisja nbniet mill-ġdid fl-istess post fuq il-pjanti tal-magħruf perit Malti Lorenzo Gafà li tradizzjonalment jingħad li bnieha bla ħlas bħala ringrazzjament lill-Madonna talli rnexxietlu l-koppla tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-1684 u li ma ġratilhiex ħsara fit-terremot qawwi tal-1693. B'xorti tajba, Il-knisja l-qadima ma ħattewhiex iżda saret is-sagristija tal-knisja l-ġdida u għadha hekk sal-lum.



*Il-faċċata tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħlas wara r-restawr li sar fl-2008.. (Ritratt: J.F. Grima)*

Fl-1736 inbidel il-kwadru titulari ma' ieħor li nġib minn Ruma, almenu hekk hemm fil-viżta pastorali tal-1736. Ta' min



*Pittura tal-Assunta fil-kapella tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi (Ritratt: Anecdotes from Malta)*

iżid li kien hawn min attribwieh, bla ebda bażi soda, lill-magħruf pittur Malti Francesco Zahra (1710-73). Fis-sagristija għad baqa' xi ftit mill-bosta kwadri votivi ppreżentati lil dan is-santwarju u li jixhdu l-popolarità tiegħu, l-aktar dawk li talbu – u hekk għadhom jagħmlu – l-interċessjoni tal-Madonna għall-ħlas feliċi tat-trabi tagħhom, li l-preżentazzjoni tagħhom għadha ssir sal-lum kull tielet Ħadd tax-xahar. Ta' min iżid ukoll li, dak iż-żmien, bi *'ħlas'* kienu jfissru wkoll il-libertà mill-jasar billi mhux persuna jew tnejn kienu jinqabdu lsira. Fil-fatt, fl-antik kien hemm bosta pitturi votivi marbutin ma' ħelsien mill-iskjavitù. Ħdejn il-knisja nsibu żewġ loġoġ bil-bankijiet tal-ġebel fejn kienu jitrejqu l-pellegrini fl-imgħoddi flimkien ma' statwa sabiħa tal-ġebel fuq pedistall, xogħol ta' Ċensu Decandia fl-1867. Il-knisja minn barra kif ukoll il-loġoġ u l-istatwa tal-Madonna ġew restawrati mill-gvern fl-2008.

**Kappelli li m'Għadhomx Jeżistu**

F'Ħal Qormi kienu jeżistu **diversi kappelli** li llum m'għadniex narawhom aktar. Fl-aħħar snin tas-seklu sittax, skond il-viżta pastorali tal-1588, Dun Pietru Cassia bena kappella dedikata lil Santa Marija fiċ-ċimiterju tal-knisja parrokkjali li kienet magħrufa bħala *Ta' Staino* (jew Stagno) li ġiet magħluqa fl-1656.

Kappella oħra simili kienet ħdejn il-Knisja tal-Vitorja fil-parti l-aktar għolja tar-raħal. Kienet nieqsa minn bibien, rettur, paramenti neċessarji u kull ħaġa oħra bżonnjuża. Fl-1575, ċertu Ġorġ Ciantar b'devozzjoni, u mhux b'obbligu, kien jieħu ħsieb li ssir il-festa: vespri, quddiesa u tingħata l-karità lill-foqra. Monsinjur Dusina ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet fiha qabel jitwaħħlu bibien ġodda tal-injam. Jidher li saru xi tiswijiet għax il-kappella baqgħet tiffunzjoni għal aktar minn sebgħin sena oħra. Fl-1656, din il-knisja, flimkien ma' tliet kappelli oħra mibnijin ħdejn xulxin fl-istess lokalità, ġiet dekonsagrata u flokha, biex tibqa' mfakkra, sar artal fil-knisja tal-Vitorja, fuq in-naħa tax-xellug. Fil-fatt, biex ikomplu jitfakkru dawn l-erba' kappelli, tellgħu kolonna b'salib fuqha fil-pjazza tal-Vitorja.

Il-knisja tal-Vitorja stess qabel kienet dedikata lil Santa Marija iżda d-dedika tagħha nbidlet għall-ħabta tal-1588. Meta kienet għadha dedikata lill-Marija Assunta, fl-1575 kienet nieqsa minn bibien, rettur, renti u l-ħwejjeġ l-oħra neċessarji għall-kult. Ġakbu Cassar kien obligat li jsewwi l-ħsarat tal-kappella u jħallas għall-vespri u l-quddiesa bħala kundizzjoni li kellu fuq għalqa fl-inħawi magħrufa bħala *Talgoz* (Tal-gozz?). Monsinjur Dusina ordna lil Ġakbu biex, fi żmien xahar, jagħmel il-bibien tal-injam taħt piena ta' għaxar skudi jekk ma jsirux. Sadattant, il-funzjonijiet reliġjużi tal-kappella kellhom jibdew isiru fil-knisja parrokkjali sakemm isiru t-tiswijiet. Il-fatt li din il-knisja inbidlitilha d-dedika tagħha fl-1588 u baqgħet tiffunzjona (għalkemm inbniet mill-ġdid għall-ħabta tal-1667) hu sinjal ċar li Ġakbu Cassar wettaq dak li kien ordnat jagħmel.

Fir-raħal innifsu kien hemm **żewġ kappelli** oħra li ssemmew fil-viżta pastorali ta' Dusina fl-1575 u li diġà rreferejna għaliha. Waħda jingħad li kienet ħdejn id-dar tal-kappillan għalkemm is-sit preċiż tagħha mhux magħruf. Il-werrieta ta' Pawlu u Leonardu Ciantar kellhom għalqa fl-inħawi tal-post imsejjaħ *San Nikola* b'kundizzjoni li jiċċelebraw il-festa bil-vespri u l-quddiesa, tingħata elemożina lis-saċerdot ċelebrant u ssir karità ma' tmien foqra. Din il-kappella ngħalqet fl-1643. Il-kappella l-oħra, li kienet qrib fejn hemm il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, kienet nieqsa minn kollox għajr bibien tal-injam. Il-festa kienet issir bil-vespri u l-quddiesa riżultat tad-devozzjoni tan-nies. Inħattet fl-1585 biex is-sit u l-ġebel intużaw għall-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida – jiġifieri dik preżenti – li kienet bdiet tiela fl-1584.

**Kappelli fil-Kampanja**

Fil-kampanja li kienet fil-limiti parrokkjali Qormin, kien hemm ukoll **tliet kappelli dedikati lil Santa Marija.** Kappella fl-Imrieħel (miktuba *Mireghel* fid-dokument) issemmiet biss fl-1575 meta nkiteb li kienet ġuspatronat ta' Monsinjur Leonardu Abela, li maż-żmien sar prelat magħruf, iżda li kienet nieqsa mill-bibien, rettur, dħul u ornamenti. Kienet f'art tal-istess Monsinjur Abela li ordnawlu jipprovdi l-bibien tal-injam u artal taħt piena ta' ħames skudi multa. Sakemm isiru, l-obbligazzjonijiet reliġjużi (il-festa kienet issir sforz id-devozzjoni tan-nies) kellhom isiru fil-knisja parrokkjali. Iżda qatt iżjed ma reġgħet issemmiet din il-kappella fil-viżti pastorali. Iż-żewġ kappelli l-oħrajn, li dak iż-żmien kienu fil-kampanja, kienu **Ta' Ċeppuna** fil-Marsa u **Tas-Samra (jew Atoċja)** fil-Ħamrun li llum jagħmlu parti minn parroċċi oħrajn.

**Ta' Atoċja** ħadet post kappella oħra, mibnija fuq art ta' Martin Abela, li qabel kienet dedikata lil San Nikola u li kienu farrkuha t-Torok tul l-Assedju l-Kbir tal-1565. Kienet nieqsa minn kollox għalkemm il-festa kienu jiċċelebrawha b'devozzjoni. Dusina ordna li tiġi dekonsagrata skont il-forma tal-Konċilju ta' Trento. Qabel is-sena 1615, kien reġa' bnieha mill-ġdid

Albano Falson mill-Belt u fl-1634 tqiegħdet fiha kopja tal-pittura tal-Madonna ta' Atoċja mill-miżżewġin Ġużeppi u Isabella Casauri mill-Birgu li bnew mill-ġdid jew kabbru din il-knisja. Dawn kienu jgħixu qishom eremiti ħdejn il-kappella u, wara mewthom, indifnu fiha. B'dan il-mod ħadet isimha din il-knisja, magħrufa wkoll bħala **Tas-Samra** minħabba l-kulur samrani tal-karnaġjon tal-Madonna. Jidher li t-titlu tal-Madonna ta' Atoċja (minn *Atocha*) kien daħal fil-viżta pastorali tal-1631 minflok it-titlu originali li kien Madonna ta' Guadaloupe. Din il-kappella bdied tgawdi devozzjoni mill-ewwel u, fl-1643, l-istess Isabella Casauri fundat benefizzju ekklesjastiku fiha. Fl-1768 inbidlet il-pittura tat-titular. Din il-knisja kienet ħafna għal qalb San Ġorġ Preca li ta ħafna servizz reliġjuż fiha. Għal bosta snin, ir-rettur tagħha kien il-kanonku Qormi Dun Ġorġ Bonello li miet ftit snin ilu.

**Santa Marija ta' Ċeppuna**, li qiegħda f'nofs l-*isports complex* tal-*Marsa Sports Club*, hi antika ħafna tant li, meta l-Gran Mastru l'Isle Adam miet fir-Rabat fl-1534, il-ġisem tiegħu ħaduh lura għad-difna fil-Forti Sant'Anġlu iżda nħass il-bżonn li jħalluh għal-lejl f'din il-kappella. Fl-1575, Monsinjur Dusina ddeskriviha bħala fl-artijiet fewdali li l-Ordni ta' San Ġwann kellu fil-Marsa, li kellha bibien tal-injam u li kienu jiċċelebraw fiha festa tal-Assunta b'devozzjoni. Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, tilfet l-immunità ekklesjastika billi kienet fid-diżabitat u ma kienx jinżamm fiha s-SS. agrament. Preżentement, il-kappella hi fi stat tajjeb ta' konservazzjoni.



*Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Qrejqċa waqt ir-restawr fl-2008. (Kunsill Lokali Qormi)*

**Kappelli Ezistenti f'Ħal Qormi**

L-aħħar żewġ kappelli dedikati lil Santa Marija li ser ngħidu xi ħaġa dwarhom għadhom jeżistu sal-lum iżda t-tnejn għandhom oriġini antiki ħafna. L-ewwel darba li ssemmew kien fil-viżta pastorali li wettaq Monsinjur Pietro Dusina fl-1575.

Il-kappella ta' **Santa Marija ta' Qrejqċa** fl-1575 kienet ħdejn id-dar ta' ċertu Nikola Mallia u kienet nieqsa minn kollox, inkluż paviment, għalkemm kellha artal. Mark Antonio Cassia, membru tan-nobbiltà billi hu indikat bħala *magnificus* fid-dokument, kellu xi artijiet f'lokal magħruf bħala **Tismede** (Msida?) li mir-renti tagħhom kien marbut jagħmel l-għasar, quddiesa u jagħti l-karità lil min jattendi għall-festa. Dusina ordna li jsiru t-tiswijiet neċessarji inklużi l-bibien u, sakemm isiru, l-obbligazzjonijiet isiru fil-knisja parrokkjali. F'xi żmien qabel l-1653, il-kappella



*Il-Kappella ta' Santa Marija tal-Blat bl-istatwa tal-Assunta quddiemha. (Ritratt: J.F. Grima)*

ġiet restawrata, jew reġgħet inbniet mill-ġdid, mill-Baruni Giacinto Cassia, fis-sura li narawha llum. Fl-1615 kellha renta ta' 25 skud minn għalqa magħrufa bħala *ta' Ximesi* li, wara li minnhom kienu jitħallsu l-ispejjeż tal-festa, il-bqija kienu jingħataw lill-fqar. Fis-sekli 18 u 19, fl-ewwel Ħadd tar-Randan, kienet issir purċissjoni bil-vara ta' *L-Ort tal-Ġetsemani* mill-knisja parrokkjali għal din il-kappella fejn kienet issir prietka dwar dan il-misteru qabel ma jirritornaw lura. Fl-1773, imdendlin mal-ħitan tal-ġnub tagħha, kien hemm sitt pitturi li kienu juru l-avvenimenti ewlenin fil-ħajja tal-Madonna. Sakemm infetaħ qasam tal-MUSEUM fil-parroċċa fl-1955, dawn il-katekisti kienu jgħallmu d-duttrina f'din il-kappella. Meta ma baqgħetx tintuża, il-kappella spiċċat fi stat ħażin ħafna bil-periklu serju li tikkrolla iżda ġiet restawrata estensivament mill-gvern fl-2008. Il-laqam ta' dil-kappella ġej mill-fatt li, fl-imgħoddi, wara li kienu jżuru s-seba' Santa Marijiet, il-pellegrini kienu jispiċċaw il-mixja tagħhom fiha u kienu jingħataw **qarquċa** ta' majjal mixwi biex jitrejqu. Apparti li tintuża għal xi wirjiet ta' natura reliġjuża, it-translazzjoni tar-relikwa lejlet il-festa ta' titular San Ġorġ issir minn din il-kappella.

Il-kappella ta' **Santa Marija tal-Blat** fl-1575 ukoll kienet nieqsa minn kollox, inkluż paviment, għalkemm kien hemm artal. Ċertu Nikola Camilleri kellu xi artijiet fil-lokal imsejjaħ *Taharra* (Ta'Ħarra) li mid-dħul tagħhom kienet tiġi ċċelebrata l-festa bil-vespri u quddiesa u tingħata l-karità lil erba' foqra mir-raħal. Dusina ordna lil Camilleri biex isiru t-tiswijiet neċessarji iżda fl-1601 il-kappella reġgħet kienet fi stat ħażin ħafna meta l-prokuratur kien Agostino Galdes.

Fl-1634, Paoluccio Galdes ħalla renta għal din il-kappella u reġgħet inbniet mill-ġdid għaxar snin wara. Quddiemha, fis-seklu dsatax, ittellgħet statwa sabiħa ta' Santa Marija li fl-1885 ġiet mogħnija b'40 jum indulgenza għal min jgħid *Salve Regina* quddiemha. Hi wżata regolarment u tinsab fi stat tajjeb ħafna. F'Ħadd il-Palm, hawnhekk jitbierku l-friegħi taż-żebbuġ u titlaq il-purċissjoni lejn il-knisja parrokkjali. Isimha, jew il-laqam, ġej mill-fatt li l-lokal, li hu merfugħ ftit fl-għoli mill-ġenb ta' Wied is-Sewda (u fl-antik il-wied kien ħafna aktar fond għalkemm illum inbidel fi triq) hu magħruf bħala *Fuq Tal-Blat*.

**Niċeċ fit-Toroq**

Ħal Qormi hu magħruf ħafna għan-niċeċ li huma mxerrdin mat-toroq tiegħu, total ta' madwar 230 waħda. Kważi nofshom huma niċeċ tal-Madonna taħt id-diversi titoli tagħha u dan hu sinjal ieħor tal-firxa tal-kult Marjan f'dan ir-raħal bejn l-aħħar snin tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu għoxrin. B'kollox hemm tmien niċeċ dedikati lil Marija Assunta li nsibuhom f'dawn it-toroq: Triq San Bastjan, Triq Santa Marija, Sqaq fi Triq il-Vitorja, Triq Dun Ġużepp Vella, Triq Pinto, Triq San Rafel, Triq il-Kbira fil-parti popolarment magħrufa bħala Pjazza San Franġisk u Triq San Franġisk.







